



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10160/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0168 (NLE)

ECOFIN 645
CADREFIN 340
UEM 180
FIN 521

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Italja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'...

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Italja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) It-tifqigħa tal-COVID-19 kellha impatt ta' tfixkil fuq l-ekonomija tal-Italja. Fl-2019, il-prodott domestiku gross (PDG) *per capita* tal-Italja kien ta' 95,0 % tal-medja tal-Unjoni. Skont it-tbassir tar-Rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG reali tal-Italja naqas bi 8,9 % fl-2020 u huwa mistenni li jonqos b'5,0 % b'mod kumulattiv fl-2020 u l-2021. Aspetti fit-tul b'impatt fuq il-prestazzjoni ekonomika fuq terminu medju jinkludu, b'mod partikolari, qgħad għoli fost iż-żgħażaġh u parteċipazzjoni baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol, tkabbir bil-mod fil-produttività kif ukoll ineffiċjenzi fl-amministrazzjoni pubblika u livell għoli ħafna ta' dejn tal-gvern.

- (2) Fid-9 ta' Lulju 2019 u fl-20 ta' Lulju 2020, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Italja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja li titbiegħed it-tassazzjoni mix-xogħol, li ssaħħaħ il-għieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa u li timplimenta bis-sħiħ ir-riformi tal-pensjonijiet tal-passat. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Italja li ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa filwaqt li jenħtieġ li tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja li ssaħħaħ l-isforzi biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat, jiġi żgurat li s-suq tax-xogħol attiv u l-politiki soċjali jiġu integrati b'mod effettiv u jilħqu b'mod partikolari ż-żgħażaġh u l-gruppi vulnerabbli u li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tiġi appoġġata permezz ta' strateġija komprensiva, inkluż permezz tal-aċċess għal faċilitajiet għall-indukrtat-tfal ta' kwalità u kura fit-tul. Sabiex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19, l-Italja ġiet irrakkomandata li ttiprovdi sostituzzjoni tal-introjt adegwat u aċċess għall-protezzjoni soċjali, u biex jittaffa l-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi, inkluż permezz ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli u appoġġ attiv għall-impjiegi. Barra minn hekk, l-Italja ġiet irrakkomandata li ttejjeb l-eżiti edukattivi, issaħħaħ it-tagħlim mill-bogħod u trawwem it-titjib tal-ħiliet, inklużi l-ħiliet diġitali. L-Italja ġiet irrakkomandata li l-politika ekonomika relatata mal-investment tiġi ffukata fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport pubbliku sostenibbli, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma kif ukoll infrastruttura diġitali msaħħa biex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi essenzjali.

Sabiex tappoġġa l-ekonomija matul il-kriżi tal-COVID-19, l-Italja ġiet irrakkomandata wkoll li timplimenta b'mod effettiv il-miżuri li jipprovdu likwidità lill-ekonomija reali, tiffinanzja proġetti maturi ta' investiment pubbliku maturi, u tippromwovi l-investiment privat. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Italja li ttejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, li ssaħħaħ il-qafas tal-insolvenza u li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-Kunsill ħeġġeġ ukoll lill-Italja li tneħħi r-restrizzjonijiet fuq il-kompetizzjoni u li ttejjeb ir-regolamenti settorjali. L-Italja ġiet irrakkomandata wkoll li trawwem ir-ristrutturar tal-karta tal-bilanċ tal-banek, tkompli tnaqqas is-self improduttiv, u ttejjeb il-finanzzjament mhux bankarju għal ditti iżgħar u innovattivi. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP" - *recovery and resilience plan*), il-Kummissjoni ssib li nkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-teħid tal-miżuri kollha neċessarji biex tiġi indirizzata b'mod effettiv il-pandemija, tiġi sostnuta l-ekonomija u jiġi appoġġat l-irkupru li jirriżulta, dwar l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva ta' miżuri biex tiġi pprovduta likwidità lill-ekonomija reali, inkluż lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, lil ditti innovattivi u lil dawk li jaħdmu għal rashom, u biex jiġu evitati pagamenti tard. Ġie rreġistrat ukoll progress sostanzjali fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, speċjalment fil-forma ta' fatturazzjoni li tħalliet barra.

- (3) Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat rieżami fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ għall-Italja. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Italja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, b'mod partikolari fir-rigward tad-dejn għoli tal-gvern u d-dinamika tal-produttività dgħajfa fit-tul, li għandhom rilevanza transfruntiera f'kontest ta' fraġilitajiet fis-suq tax-xogħol u s-settur bankarju.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro rrakkomandat lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro biex jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex, fost l-oħrajn, jiżguraw pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru u biex ikomplu jtejbu l-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill irrakkomandat ukoll lill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro li jissaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali, li jiżguraw l-istabbiltà makrofinanzjarja u li jikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja u li jsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (5) Fit-30 ta' April 2021, l-Italja ppreżentat l-RRP tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Din il-preżentazzjoni segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involvement ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sjieda nazzjonali tal-RRPs tinfed l-implimentazzjoni b'suċċess tagħhom u l-impatt dejjiemi tagħhom fil-livell nazzjonali u l-kredibbiltà fil-livell Ewropew. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.
- (6) L-RRPs jenħtieġ li jsegwu l-oġettivi ġenerali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-"Faċilità") u tal-Istrument ta' Rikupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094¹ sabiex jiġi appoġġat l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19. Huma għandhom jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jikkontribwixxu għas-sitt pilastri msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

- (7) L-implimentazzjoni tal-RRPs tal-Istati Membri se tikkostitwixxi sforz ikkoordinat li tinvolvi riformi u investimenti madwar l-Unjoni. Permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata u simultanja u l-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed, tali riformi u investimenti se jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku u jiġġeneraw effetti konsegwenzjali pożittivi madwar l-Unjoni. Għalhekk, madwar terz tal-impatt tal-Faċilità fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-Istati Membri se jiġi minn effetti konsegwenzjali minn Stati Membri oħra.

Rispons bilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri

- (8) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(a) u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jirrappreżenta fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha kemm huma msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jqis l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru u l-allokazzjoni finanzjarja għall-Istat Membru kkonċernat.

- (9) L-RRP fih firxa wiesgħa kemm ta' investimenti kif ukoll ta' riformi li jappoġġaw l-indirizzar tal-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika bħaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika tal-bini, id-dekarbonizzazzjoni tal-attività ekonomika, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma, it-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari u l-preservazzjoni u t-titjib tal-bijodiversità. L-RRP għandu wkoll l-għan li jindirizza l-isfidi diġitali permezz tad-diġitalizzazzjoni ta' servizzi pubbliċi importanti bħall-ġustizzja, is-servizzi pubbliċi tal-impjieg, l-edukazzjoni jew is-saħħa u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali miċ-ċittadini u n-negozji b'sett ikkombinat ta' investimenti diretti u skemi ta' inċentivi bħat-Transizione 4.0. Il-ħiliet diġitali huma indirizzati fl-RRP permezz ta' sett varjat ta' miżuri mmirati lejn il-popolazzjoni ġenerali, l-amministrazzjoni pubblika, is-sistema edukattiva u s-suq tax-xogħol.

- (10) L-RRP jippromwovi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fil-missjonijiet u l-komponenti kollha, permezz ta' investimenti mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapital fiżiku u uman u tar-riformi, li jenħtieġ li jkollhom impatt fuq il-produttività u l-kompetittività fuq terminu medju u twil. Pereżempju, l-ewwel żewġ komponenti tal-missjoni 1 tal-RRP jipproponu riformi kbar fil-ġustizzja, il-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, l-amministrazzjoni pubblika u t-tassazzjoni u n-nefqa pubblika, li jenħtieġ li jneħħu l-ostakli sinifikanti fil-funzjonament tal-ekonomija Taljana, u investimenti sinifikanti li jiffukaw fuq id-diġitalizzazzjoni tad-diversi setturi ekonomiċi, li jenħtieġ li jkollhom effett pożittiv fuq il-produttività. F'konformità mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-komponenti tal-missjoni 2 u 3 għandhom l-għan li jippromwovu t-tkabbir sostenibbli, l-effiċjenza enerġetika u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' sett ta' riformi ambizzjużi u ta' investimenti f'diversi setturi bħall-ilma, l-ippjanar territorjali, l-effiċjenza enerġetika tal-bini, il-mobbiltà sostenibbli fil-bliet u fil-pajjiż kollu, l-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli, il-bijodiversità u t-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari. Il-komponenti tal-missjoni 4 għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi relatati mal-edukazzjoni u r-riċerka u l-innovazzjoni billi jikkombinaw kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi b'mod ibbilanċjat.

- (11) L-RRP huwa mistenni li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali permezz tal-implimentazzjoni ta' investimenti u riformi ddedikati mmirati lejn it-titjib tas-sitwazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli tas-soċjetà u r-reġjuni inqas żviluppati tal-pajjiż. Huma previsti investimenti sinifikanti fil-kapital fiżiku fir-reġjuni tan-nofsinar. Dawn l-investimenti huma relatati l-aktar mat-trasport, mad-diġitali u mal-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma. L-azzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet u dawk favur il-gruppi l-aktar vulnerabbli previsti b'mod partikolari fil-komponenti tal-missjoni 4 u 5, li huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv sinifikanti fuq il-koeżjoni soċjali, għandhom ukoll enfasi qawwija fuq in-nofsinar tal-pajjiż. Il-komponenti tal-missjoni 6 għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi fis-settur tas-saħħa billi jagħmlu sforz kbir fid-diġitalizzazzjoni tas-settur, fit-tisħiħ tal-kura tas-saħħa primarja u fit-tisħiħ tal-kapaċità tiegħu li jirrispondi għall-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu relatati mad-demografija u t-tħejjija għall-kriżijiet.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi

- (12) Skont l-Artikolu 19(3)(b) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi indirizzati lill-Italja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom u r-rakkomandazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (13) L-RRP jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Italja mill-Kunsill fis-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020. B'mod partikolari, ir-riformi u l-investimenti inklużi fl-RRP huma mistennija li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, iżidu r-reżiljenza tas-settur tas-saħħa, itejbu l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-politiki soċjali, u jtejbju l-eżiti tal-edukazzjoni u t-titjib tal-ħiliet. L-RRP huwa mistenni wkoll li jagħti spinta lill-investiment għall-appoġġ ta' tranżizzjonijiet doppji, b'mod partikolari fuq l-industriji tan-network, l-utilitajiet u r-riċerka u l-innovazzjoni, bil-ħsieb li jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali, tiżdied l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, jitjieb l-ambjent tan-negozju u jitneħħew l-ostakli għall-kompetizzjoni.

- (14) Fir-rigward tal-politiki fiskali-strutturali, l-RRP jinkludi miżuri biex jitjieb il-ġbir tat-taxxa u tiġi intensifikata l-għieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, kif ukoll miżuri biex tissaħħaħ l-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz ta' qafas ta' reviżjoni tal-infiq imsaħħaħ u t-tlestija tar-riforma tar-relazzjonijiet fiskali fil-livelli differenti tal-gvern. Il-miżuri strutturali għat-titjib tal-qafas għall-akkwist pubbliku huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-finanzi pubbliċi. Ir-rakkomandazzjonijiet relatati mar-rispons immedjat tal-politika fiskali għall-pandemija jistgħu jitqiesu li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-RRP tal-Italja, minkejja li l-Italja ġeneralment wiegħbet b'mod adegwat u suffiċjenti għall-ħtieġa immedjata li l-ekonomija tiġi appoġġata permezz ta' mezzi fiskali fl-2020 u fl-2021, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni indirizzata lill-Italja biex tagħmel progress suffiċjenti lejn l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020 ma għadhiex rilevanti, kemm minħabba l-iskadenza tal-perjodu baġitarju korrispondenti kif ukoll minħabba l-attivazzjoni f'Marzu 2020 tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-kuntest tal-kriżi tal-Covid-19.
- (15) L-RRP jinkludi riforma u xi investimenti bil-għan li jitnaqqas ix-xogħol mhux iddikjarat u l-interventi mmirati lejn it-titjib tal-eżiti edukattivi u t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, li huma ogħla mill-medja tal-Unjoni. L-RRP jinkludi wkoll miżuri bil-għan li tizzied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' sett ikkombinat ta' riformi u investimenti, inkluż it-tisħiħ fil-provvediment ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi miżuri biex jissaħħu l-ħiliet, inkluż dawk diġitali, u biex jittejbu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u għall-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà.

- (16) FI-RRP hemm inklużi riformi u investimenti sinifikanti biex tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari biex tittejjeb il-ġestjoni tal-impjiegi pubbliċi u biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva. Il-miżuri dwar l-impjiegi pubbliċi jiffukaw fuq ir-riforma tal-ġhażla u r-reklutaġġ ta' impjegati pubbliċi. Is-sistema l-ġdida jenħtieġ li tiġi ttestjata minnufih bl-ġhażla tal-persunal meħtieġ għall-governanza tal-RRP. Ir-riforma hija abbinata ma' investimenti għall-ħolqien ta' pjattaforma unika ta' reklutaġġ, investiment għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u riforma tal-karrieri tal-amministrazzjoni pubblika. Simplifikazzjoni amministrattiva permezz ta' interventi leġiżlattivi *ad hoc* ("fast track") hija prevista għal proċeduri amministrattivi kif ukoll l-eliminazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet mhux ġustifikati mill-interess pubbliku. Dawn il-miżuri huma kkomplementati u msaħħa minn investimenti u riformi sinifikanti biex tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni tad-diversi amministrazzjonijiet pubbliċi. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tar-riformi u l-iskjerament tal-investiment fl-ICT, se jiġi stabbilit "Uffiċċju tat-Trasformazzjoni" għal amministrazzjoni pubblika diġitali.

- (17) Sett ta' riformi u investimenti fis-settur tas-saħħa għandu l-għan li jiżgura l-kundizzjonijiet abilitanti neċessarji biex tiġi żgurata reżiljenza akbar tas-servizz tal-kura tas-saħħa, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa lokali, it-telemediċina u l-investiment għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema. Investimenti sinifikanti flimkien ma' riformi settorjali għandhom l-għan li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet doppji u r-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jqisu d-disparitajiet reġjonali. Dan jikkonċerna b'mod partikolari miżuri biex tinbena u tiġi aġġornata l-infrastruttura diġitali, biex tiġi żviluppata l-ekonomija ċirkolari u tittejjeb il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, biex il-bini jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, biex tingħata spinta lill-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli, biex jitwessa' t-trasport sostenibbli u biex titnaqqas il-frammentazzjoni tal-utilitajiet tal-ilma. Sett ta' investimenti u riformi huma inklużi biex tingħata spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' riċerkaturi żgħażaġh u l-involvement ta' istituzzjonijiet pubbliċi u privati.

- (18) L-RRP jipprevedi wkoll riformi sostanzjali biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju ġenerali u jitnaqqsu l-ostakli għall-kompetizzjoni. L-adozzjoni ta' liġi tal-kompetizzjoni annwali għida għall-2021 mistennija tnaqqas iż-żmien biex jinbeda negozju fl-Italja u żżid il-proċessi kompetittivi għall-għoti ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi lokali, b'mod partikolari fil-ġestjoni tal-iskart u t-trasport, b'mod partikolari l-portijiet, it-trasport ferrovjarju reġjonali u dak pubbliku lokali, u l-konċessjonijiet, b'mod partikolari l-awtostradi, l-impjanti tal-iċċarġjar għall-mobilità elettronika u l-enerġija idroelettrika. Il-leġiżlazzjoni settorjali fl-eliminazzjoni gradwali tal-prezzijiet regolati tal-elettriku, tinkludi miżuri ta' akkumpanjament biex jappoġġaw iż-żieda fil-kompetizzjoni fis-swieq tal-bejgħ bl-innut tal-enerġija u l-użu ta' meters intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni. Ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku tinkludi regolamenti biex jitnaqqas iż-żmien bejn il-pubblikazzjoni tal-kuntratti u l-għoti tagħhom, il-koordinazzjoni tal-politika tal-akkwist pubbliku, l-adozzjoni tal-akkwist elettroniku, il-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja pubbliċi u r-razzjonalizzazzjoni tal-awtoritajiet kontraenti. Dan huwa mistenni li jiġi implimentat bil-ħsieb li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-kisbiet tas-simplifikazzjoni u l-kontrolli kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi. L-RRP jipprevedi l-konsolidazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, id-diġitalizzazzjoni tal-ispezzjonijiet tal-prodotti u l-istabbiliment ta' laboratorji akkreditati ġodda. Dan it-titjib fl-ambjent tan-negozju huwa mistenni li jiffaċilita l-intraprenditorija u l-kundizzjonijiet qafas intejba għall-kompetizzjoni u li jiffavorixxi allokkazzjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi biż-żidiet potenzjali assoċjati fil-produttività.

- (19) Barra minn hekk, l-RRP fih miżuri ambizzjużi għar-riforma u l-immodernizzar tas-sistema tal-ġustizzja ċivili, kriminali u amministrattiva. L-investimenti previsti fl-RRP huma mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tal-qrati, it-taħriġ tal-imħallfin u l-persunal u t-tisħiħ tal-effiċjenza ġenerali tal-qrati, filwaqt li jaġixxu fil-futur qrib fuq fatturi organizzattivi sabiex ir-riformi li qed jiġu żviluppati jkunu jistgħu jiġġeneraw riżultati aktar malajr. L-istabbiliment u t-tisħiħ tal-“uffiċċju tal-proċess” għandhom jappoġġaw lill-maġistrati, bħala parti integrali tar-riforma tal-ġustizzja, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta’ kawżi pendenti tal-qorti u t-tul ġenerali tal-proċedimenti bħala parti mill-istrateġija ta’ rkupru li tgħin biex tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tar-riformi u l-investimenti, b’impatt pożittiv ukoll fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ambjent tan-negozju ġenerali. Dawn il-miżuri huma mistennija wkoll li jtejbu l-kwalità tal-ġustizzja billi jappoġġaw lill-maġistrati fl-attivitajiet normali ta’ studju, riċerka legali, abbozzar ta’ atti, organizzazzjoni tal-fajls u b’hekk jippermettu lill-imħallfin jiffokaw fuq il-kompiti aktar kumplessi.
- (20) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll biex jikkoreġi l-iżbilanċi, kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fl-2019 u 2020, li qed tesperjenza l-Italja, b’mod partikolari fir-rigward tad-dejn għoli tal-gvern u d-dinamiċi tal-produttività dgħajfa fit-tul f’kuntast ta’ qgħad għoli u livell għoli ta’ self improduttiv, għalkemm b’xejra ta’ tnaqqis.

Kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(c) u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Italja, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fi ħdan l-Unjoni.

- (22) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru għandu l-potenzjal li jżid il-PDG tal-Italja bi 2,5 % sal-2026, li ma jinkludix l-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jistgħu jkunu sostanzjali. Filwaqt li fit-terminu qasir l-effetti tad-domanda permezz ta' żieda fl-investiment pubbliku jiddominaw, investiment ogħla huwa pproġettat li jagħti spinta lill-istokk kapitali pubbliku b'effetti pożittivi fuq il-PDG potenzjali u reali fuq terminu medju. L-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-koeżjoni territorjali. L-RRP jalloka mill-inqas 40 % tal-investiment b'destinazzjoni territorjali speċifika għar-reġjuni tan-Nofsinhar. Huwa mistenni li jindirizza d-distakk infrastrutturali u li jtejjeb il-produttività u l-kompetittività tar-reġjuni inqas żviluppati permezz ta' investimenti fil-broadband, il-ferroviji b'veloċità għolja u l-linji reġjonali, il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma, il-portijiet u l-konnessjonijiet tal-“aħħar mil” fiż-żoni ekonomiċi speċjali. Tingħata wkoll attenzjoni speċjali liż-żoni tan-Nofsinhar u dawk interni fl-interventi mmirati lejn it-tiġdid taż-żoni urbani u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni. Ir-riformi previsti fl-RRP, b'mod partikolari r-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, u l-miżuri relatati mas-sostenn tal-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjoni lokali huma mistennija li jikkontribwixxu għat-titjib tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika f'dawk ir-reġjuni.

- (23) L-RRP jipprevedi sett wiesa' ta' investimenti sinifikanti biex jitnaqqsu l-inugwaljanza u l-vulnerabbiltajiet soċjali f'diversi komponenti, li jagħtu wkoll attenzjoni speċjali lin-nofsinar tal-pajjiż. Qed jiġu indirizzati firxa ta' dimensjonijiet importanti, bħaż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-aċċess għas-servizzi soċjali, b'mod partikolari persuni b'diżabilità u persuni anzjani li mhumiex awtosuffiċjenti, l-estensjoni tas-servizzi tal-kura fid-djar jew l-appoġġ għall-komunitajiet żvantaġġati permezz ta' pjanijiet ta' riġenerazzjoni urbana. Dawn l-interventi huma akkumpanjati minn riformi li għandhom jissimplifikaw l-aċċess għal xi servizzi soċjali, bħal-liġi qafas għal persuni b'diżabilità jew ir-riforma relatata mal-estensjoni tat-telemediċina u n-netwerk ta' prossimità. Dawn il-miżuri, flimkien ma' daww f'komponenti oħra bħal daww relatati mal-impjigi, l-edukazzjoni jew is-saħħa, jindirizzaw għadd ta' prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

- (24) L-RRP jiffoka wkoll fuq politiki għaż-żgħażaġh u t-tfal, permezz ta' sett ta' miżuri bħat-titjib tal-kwalità u ż-żieda fil-kapaċità tal-kindergartens u s-servizzi għall-indukrar tat-tfal li għalihom l-Italja għadha lura meta mqabbla mal-medja tal-Unjoni. L-RRP għandu wkoll l-għan li jrawwem ir-reġistrazzjoni f'korsijiet tal-edukazzjoni terzjarja, speċjalment fid-dixxiplini STEM, u jstabbilixxi netwerk ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li joffru korsijiet postgradwatorji ta' tul qasir. L-RRP jinkludi għadd ta' miżuri biex tissaħħaħ il-kapaċità tar-riċerka Taljana, b'mod partikolari riforma biex tħaffef il-mobilità ta' riċerkaturi u maniġers ta' profil għoli, is-simplifikazzjoni tal-ġestjoni tal-fondi, u r-riforma tal-perkors tal-karriera tar-riċerkaturi. L-RRP huwa mistenni wkoll li jappoġġa l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fis-sistema tal-edukazzjoni primarja u sekondarja bl-użu ta' riżorsi diġitali fil-klassijiet, id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut edukattiv u l-ħolqien ta' laboratorji b'teknoloġiji edukattivi bħal robots programmabbli. Huwa jipprevedi wkoll miżuri biex tissaħħaħ l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, u biex jiġi appoġġat il-ħolqien tal-impjiegi fil-kuntest tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Fl-aħħar nett, ir-riformi fis-sistema edukattiva u fil-politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma mistennija li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas u jgħinu biex jinkisbu r-redditi ta' daww l-investimenti.

- (25) L-RRP jinkludi investimenti u riformi biex tingħata spinta lill-kapital uman u jiġu promossi opportunitajiet ta' edukazzjoni ugwali madwar il-pajjiż, li huma mistennija jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanza u tad-disparitajiet reġjonali f'termini ta' infrastruttura skolastika u eżiti edukattivi. Ir-reġjuni tan-Nofsinhar huma mistennija li jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-investimenti previsti f'faċilitajiet sportivi, skejjel tat-trabi u djar għall-istudenti u minn għadd akbar ta' boroż ta' studju universitarji kif ukoll proġetti mmirati biex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jiżdedu l-eżiti tal-edukazzjoni ta' studenti vulnerabbli. Il-miżuri inklużi fl-RRP huma mmirati wkoll lejn it-tisħiħ tal-kompetenzi u l-ħiliet fl-edukazzjoni sekondarja u terzjarja, it-tisħiħ tas-servizzi soċjali fiż-żoni interni kif ukoll it-tisħiħ tar-riabilitazzjoni tal-assi kkonfiskati mill-kriminalità organizzata u t-tisħiħ tal-kura tas-saħħa territorjali.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(d) u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP tal-Italja huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni tar-riformi u l-proġetti ta' investiment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali (Klassifikazzjoni A) fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti"), jiġifieri l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima, l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar, l-ekonomija ċirkolari, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, u l-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi. Fil-valutazzjoni tagħha fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju, l-Italja pprovdiet ġustifikazzjonijiet f'konformità mal-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat "Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' 'ma tagħmilx ħsara sinifikanti' skont ir-Regolament dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza"² u, fejn meħtieġ, impenjat ruħha għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi minqaxa fl-istadji importanti u l-miri rilevanti biex tiġi evitata ħsara sinifikanti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

² ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (27) Xi miżuri tal-RRP kienu jeħtieġu attenzjoni partikolari meta titqies in-natura tagħhom biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ħsara sinifikanti. Għandhom jiġu introdotti stadji importanti għall-investimenti fir-rinnovazzjoni, il-bijometan, l-idroġenu, it-tisqija tal-ilma u l-konnessjonijiet tal-aħħar mil. L-iskart li jirriżulta mir-rinnovazzjoni jenħtieġ li jiġi ttrattat skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari. Il-miżuri fit-trattament tal-iskart ma filhomx investimenti fl-inċinerazzjoni jew fit-trattament mekkaniku bijoloġiku f'konformità mal-prinċipju 'la tagħmilx ħsara sinifikanti'. Il-miżuri mmirati lejn is-sostituzzjoni tal-flotta tal-vetturi u tal-makkinarju żguraw li l-vetturi nodfa biss ikunu eliġibbli għall-finanzjament. Il-bijometan użat mill-vetturi jikkonforma mad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament u tal-Kunsill¹ dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Ġew introdotti wkoll salvagwardji partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-bijodiversità.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(e) u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 37,5 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI għar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għall-2030.

¹ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (29) L-RRP għall-irkupru u r-reżiljenza fih firxa wiesgħa kemm ta' investimenti kif ukoll ta' riformi biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u huwa ġeneralment allinjat sew mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-pjan tal-mira klimatika tiegħu għall-2030 u mal-għan li l-Ewropa ssir soċjetà reżiljenti għat-tibdil fil-klima sal-2050. L-RRP jinkludi għadd ta' miżuri relatati mar-rinnovazzjonijiet tal-bini għal skopijiet ta' effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-akkomodazzjoni 'superbonus' iżda jipprevedi wkoll investimenti diretti biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-muniċipalitajiet, l-iskejjel, il-bini tal-ġustizzja, il-lukandi, il-mużewijiet, iċ-ċinema u t-teatri. Barra minn hekk, l-RRP għandu l-għan li jżid il-kompetizzjoni fis-swieq tal-elettriku u tal-gass u li jippromwovi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Dawn l-interventi jinkludu investimenti mmirati biex jappoġġaw l-enerġija rinnovabbli għall-komunitajiet tal-enerġija u jaġixxu b'mod konġunt l-awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli, kif ukoll biex jiżviluppaw il-produzzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta u l-grilji intelliġenti.

- (30) L-RRP jinkludi riformi li jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jirrifurmaw l-għoti ta' konċessjonijiet tal-enerġija idroelettrika. L-RRP jiffoka fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport, u jipprevedi investimenti sinifikanti fil-mobbiltà urbana sostenibbli, inkluża l-mobbiltà elettronika, kif ukoll biex tingħata spinta lill-infrastruttura ferrovjarja biex tiġi appoġġata l-bidla modali u biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fit-trasport bl-ajru u bil-baħar u fl-agrikoltura. Barra minn hekk, l-RRP jappoġġa l-isforzi tal-Italja għall-adattament għall-klima, kif ukoll ir-reżiljenza sismika u l-kwalità tal-infrastrutturi. L-RRP huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti dwar il-ġestjoni tal-iskart, biex titrawwem ekonomija ċirkolari, biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ilma u tal-ilma mormi u biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-bijodiversità. Għal dan il-għan, l-RRP jipprevedi miżuri bħall-adozzjoni ta' strateġija ġdida għall-ekonomija ċirkolari, il-modernizzazzjoni u l-istabbiliment ta' impjanti ġodda għall-ġestjoni tal-iskart, it-titjib tal-infrastruttura tal-ilma biex tittejjeb il-provvista u jitnaqqas it-telf tal-ilma u sett ta' miżuri għar-riforestazzjoni u l-irkupru ta' żoni naturali u habitats ta' qiegħ il-baħar u tal-baħar.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (31) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(f) u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP fih miżuri li fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 25,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 2021/24.

- (32) B'kollox, 12-il komponent fihom miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali b'approċċ wiesa' u trasversali. Huma ppjanati investimenti sinifikanti fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi, b'enfasi fuq l-inċentivi fiskali lejn sistemi ta' manifattura aktar intelliġenti (Transizione 4.0). L-RRP jipprevedi wkoll appoġġ għal networks għall-kollaborazzjoni u t-trasferimenti tat-teknoloġija tar-riċerka u innovazzjoni bejn l-universitajiet, l-istituti ta' riċerka u l-intrapriżi. L-investment fit-tlestija tan-networks tal-broadband ultraveloċi u fil-konnettività 5G huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri diġitali Ewropej għall-2030 u l-implimentazzjoni rapida tagħhom twassal għal benefiċċji sinifikanti fl-ekonomija u s-soċjetà kollha.
- (33) Investimenti sinifikanti oħra jimmiraw lejn id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika b'azzjonijiet ipplanati għall-amministrazzjoni pubblika ġenerali, is-settur tas-saħħa u s-settur tal-edukazzjoni. L-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri tikkontribwixxi għall-bini ta' infrastruttura diġitali valida għall-futur, issaħħaħ iċ-ċibersigurtà u tagħmel l-amministrazzjoni pubblika aktar effiċjenti u reżiljenti, u qrib iċ-ċittadini. L-RRP jipprevedi wkoll miżuri li jikkomplementaw l-investimenti nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

- (34) It-tranżizzjoni diġitali tippreżenta sfidi sinifikanti għall-Italja, billi l-pajjiż qed jiffaċċja nuqqasijiet sinifikanti kemm fil-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll f'dawk avvanzati, li huma riflessi wkoll f'diġitalizzazzjoni baxxa tas-sistema produttiva. L-RRP għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi b'investimenti mmirati lejn il-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-popolazzjoni ġenerali u l-persuni aktar f'riskju ta' esklużjoni diġitali, l-għalliema, l-impjegati taċ-ċivil u l-forza tax-xogħol. L-iżvilupp ta' ħiliet diġitali avvanzati huwa indirizzat bħala parti minn miżuri usa' li jikkontribwixxu biex tiżdied id-disponibbiltà ta' ħiliet diġitali tekniċi u speċjalizzati.

Impatt dejjiemi

- (35) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(g) u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP huwa mistenni li fil-parti l-kbira jkollu impatt fit-tul fuq l-Italja (Klassifikazzjoni A).

- (36) L-RRP jinkludi riformi ewlenin biex jingħata appoġġ biex jiġu indirizzati l-isfidi fit-tul tal-Italja li għandhom il-potenzjal li jtejbū b'mod strutturali l-kompetittività tal-ekonomija Taljana. B'mod partikolari, ir-riforma proposta tal-amministrazzjoni pubblika għandha tikkomplimenta u tlesti r-riforma komprensiva adottata fl-2014. L-implimentazzjoni sħiħa, rapida u xierqa tas-sett il-ġdid ta' miżuri għandha żżid l-effettività tal-amministrazzjoni. Dan, flimkien mar-riforma prevista tal-ġustizzja bil-għan li jitnaqqas drastikament ix-xogħol b'lura ta' kawżi kemm fi proċedimenti ċivili kif ukoll kriminali, u biex jitnaqqas ix-xogħol b'lura ta' kawżi fi proċedimenti amministrattivi, huwa mistenni li jtejjeb b'mod sinifikanti l-funzjonament tal-ekonomija. Barra minn hekk, l-RRP jinkludi sett ta' riformi ambizzjużi biex jitneħħew l-ostakli għall-ambjent tan-negozju u biex xi setturi tal-ekonomija jsiru aktar trasparenti u miftuħa għall-kompetizzjoni. Riformi settorjali bħal dawk ippjanati fis-setturi tal-enerġija u tal-ilma qed jindirizzaw ukoll dgħufijiet sinifikanti billi jneħħu l-ostakli ewlenin u huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq it-tkabbir u l-produttività. Dawk ir-riformi huma mistennija li jżidu r-redditi tas-sett komprensiv ta' investimenti ppjanati fid-diversi setturi tal-ekonomija Taljana, li huma mistennija li jtejbū l-infrastruttura fiżika madwar il-pajjiż, isaħħu l-kapital uman u jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- (37) L-impatt dejjiemi tal-RRP jista' jissaħħaħ ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra inkluż dawk iġfinanzjati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali b'għeruq fondi u jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (38) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(h) u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.

- (39) Hija prevista governanza f'diversi livelli għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-RRP. Dan jinkludi b'mod partikolari: fil-livell politiku, kumitat ta' tmexxija stabbilit mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri; fil-livell tad-djalogu soċjali, korp konsultattiv li jinvolvi l-partijiet interessati rilevanti; fil-livell tekniku, segretarjat stabbilit mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri biex jappoġġa l-ħidmiet tal-kumitat ta' tmexxija u l-korp konsultattiv, struttura ċentrali ta' koordinazzjoni u monitoraġġ stabbilita fil-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi, u strutturi ta' koordinazzjoni teknika identifikati fil-livell tal-amministrazzjonijiet ċentrali responsabbli għal miżuri individwali. Il-mudell jipprevedi wkoll l-istabbiliment ta' korp indipendenti tal-awditjar għall-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll intern. L-amministrazzjonijiet ċentrali u lokali jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-miżuri tal-pjan fuq il-bażi tal-kompetenzi rilevanti. Il-mudell ta' governanza jipprevedi l-assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet ċari għall-implimentazzjoni tal-RRP, il-monitoraġġ tal-progress u r-rappurtar. B'mod partikolari, ir-responsabbiltajiet u l-mandati huma minnuxa fid-Digriet-Liġi tal-31 ta' Mejju 2021, Nru 77, li jikkontribwixxi għall-għoti tas-setgħa lill-korpi rilevanti. Dan il-mudell għandu l-għan li joħloq sinerġiji u jiżgura koordinazzjoni bejn il-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni, bil-potenzjal li jtejjeb l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni fl-Italja. It-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva, inkluż permezz ta' riżorsi umani addizzjonali u l-għoti ta' appoġġ tekniku lill-amministrazzjonijiet, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi huma previsti u minnuxa fl-atti legali (id-Digriet-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2021, Nru 80 u d-Digriet-Liġi tal-31 ta' Mejju 2021, Nru 77) bil-għan li tiġi żgurata implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-miżuri tal-RRP. Fl-aħħar nett, mekkaniżmi ad hoc biex jittrattaw kwistjonijiet ta' implimentazzjoni huma previsti u minnuxa fid-Digriet-Liġi tal-31 ta' Mejju 2021, Nru 77. L-istadji importanti u l-miri tal-RRP tal-Italja huma ċari u realistiċi, u jirriflettu b'mod adegwat l-investimenti u r-riformi previsti fl-RRP. L-indikaturi rilevanti huma rilevanti, aċċettabbli u robusti biżżejjed.

- (40) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju taħt il-Faċilità jiġi kkomunikat u rikonoxxut f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2021/241. L-appoġġ tekniku jista' jintalab taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ biex jassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-RRP tagħhom.

Estimi tal-prezzijiet

- (41) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(i) u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija sa ċertu punt (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (42) L-Italja pprovdi stimi tal-ispejjeż għall-miżuri kollha tal-RRP li jinvolvu spiża. B'mod ġenerali, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet li saru biex jintlaħqu l-istimi tal-ispejjeż huma ċari u plawżibbli għall-parti l-kbira tal-miżuri tal-RRP, spiss ibbażati fuq proġetti preċedenti ta' natura simili jew studji ta' appoġġ rilevanti. Madankollu, dettalji rilevanti dwar il-metodoloġija u fuq il-bażi użata biex isiru l-istimi tal-ispejjeż huma neqsin jew mhux kompluti għal xi miżuri, u dan ixekkel valutazzjoni pożittiva sħiħa tal-istimi tal-ispejjeż. B'konsegwenza ta' dan, il-ġustifikazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż fuq l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP hija raġonevoli u plawżibbli sa ċertu punt. Fl-aħħar nett, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (43) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(j) u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-konflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju taħt dak ir-Regolament u minn programmi oħra tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mal-liġi tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-konflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.
- (44) Is-sistema ta' kontroll intern u l-arranġamenti proposti fl-RRP huma kklassifikati robusti biżżejjed fl-istruttura tagħhom u l-istrutturi rilevanti huma deskritti b'mod ċar. L-RRP jidentifika atturi ċari (korpi/entitajiet) u jiddeskrivi r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom għat-twettiq tal-kompiti ta' kontroll intern. Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi ngħata l-kompitu ta' koordinazzjoni ġenerali u ġie stabbilit korp tal-awditjar indipendenti fil-Ministeru, b'mandati minquxa fid-Digriet-Liġi tal-31 ta' Mejju 2021, Nru 77. Reklutaġġi *ad hoc* huma previsti biex isaħħu l-kapaċità amministrattiva.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (45) Is-sistema ta' kontroll u arranġamenti rilevanti oħra, inkluż għall-ġbir u d-disponibbiltà ta' *data* dwar ir-riċevituri finali, huma previsti għal, minn nofs l-2022, permezz tal-implimentazzjoni ta' sistema unitarja tal-IT (ReGiS), u sa dak iż-żmien permezz tal-użu ta' arranġamenti tal-IT tranżizzjonali bbażati fuq għodod eżistenti tal-ipproċessar tad-*data* li għandhom jiġu adattati għal dan il-kamp ta' applikazzjoni. Il-ġbir tad-*data* skont l-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241 jibbaża fuq informazzjoni mill-bażijiet tad-*data* tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi, pereżempju, bażijiet tad-*data* bbażati fuq il-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-offerta (CIG). Il-korp tal-awditjar għandu jwettaq verifika tal-ġbir u jiżgura l-aċċess għad-*data* msemmija fl-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-arranġamenti tranżizzjonali tal-IT. Dan l-impenn u r-rappurtar dwaru mill-korp tal-awditjar huma inklużi bħala pass importanti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dawk l-arranġamenti huma meqjusin li huma adegwati fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-konflitt ta' interess meta jintużaw il-fondi taħt il-Faċilità u fir-rigward tal-evitar ta' finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni.

- (46) Il-funzjonament xieraq ta' kontrolli interni u arranġamenti ta' għbir ta' *data* u strutturi ta' rappurtar kif ukoll it-transizzjoni għas-sistema unitarja (ReGiS) huma kruċjali għar-rappurtar dwar il-kisba tal-miri u l-istadji importanti u l-istabbiliment ta' talbiet għal pagament. L-arranġamenti tranżizzjonali tal-IT, il-progress fl-iżvilupp ta' ambjent tal-IT għdid (ReGiS) u t-tranżizzjoni fattwali għal din is-sistema ta' repożitorju jistħoqqilhom xogħol ta' awditjar speċifiku tal-IT mill-korp tal-awditjar fir-rigward tal-kapaċità ta' ReGiS li jissodisfa l-funzjonalitajiet deskritti fl-RRP u b'mod partikolari l-integrità tad-*data* u l-manutenzjoni tar-rekord tal-awditjar. Għas-sistema tranżizzjonali, il-korp tal-awditjar jenħtieġ li jipprovdi rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju mal-ewwel talba għall-pagament.
- (47) Għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-konflitti ta' interess, it-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet eżistenti huwa previst fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-RRP. Minbarra r-rwol tal-Guardia di Finanza, l-Awtorità Kontra l-Korruzzjoni (ANAC) u l-Qorti Taljana tal-Awdituri, issir referenza wkoll għall-użu ta' kodiċi uniku tal-proġett u ARACHNE, bil-ħsieb, fost oħrajn, li jiġu evitati riskji ta' finanzjament doppju.

Koerenza tal-RRP

- (48) F'konformità mal-Artikolu 19(3)(k) u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi fil-parti l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

- (49) L-RRP Taljan għall-irkupru u r-reżiljenza jippreżenta viżjoni strateġika u konsistenti fl-RRP kollu, b'koerenza ġenerali fil-komponenti kollha u fil-miżuri individwali. Ir-riformi u l-investimenti f'kull komponent huma konsistenti u jsaħħu lil xulxin, u hemm ukoll komplementarjetà sinifikanti bejn il-komponenti. Pereżempju, diversi komponenti fl-RRP jipprevedu miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika jew jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-konsum tal-enerġija lil hinn minn dawk iddedikati speċifikament għat-tranżizzjoni ekoloġika u ekoloġika. Eżempju ieħor huwa li l-komponenti kollha jinkorporaw iż-żgħażaġh, il-ġeneru u l-koeżjoni territorjali bħala prijoritajiet irrISPettivament mill-ambitu speċifiku tagħhom. L-ebda miżura proposta f'komponent ma tikkontradixxi jew iddgħajjef lil oħra, u ma għet identifikata l-ebda kontradizzjoni bejn il-komponenti differenti.

Ugwaljanza

- (50) L-RRP tal-Italja fih miżuri li huma mistennija li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-pajjiż fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. B'mod partikolari, dawn jinkludu miżuri li jindirizzaw l-isfidi għall-ugwaljanza bejn is-sessi, bħall-appoġġ għall-intraprenditorija femminili jew l-istabbiliment ta' sistema nazzjonali ta' ċertifikazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Huma previsti wkoll miżuri speċifiċi biex jappoġġaw opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ, inklużi miżuri mmirati lejn it-titjib tar-reġistrazzjonijiet fl-istudji tat-teknoloġija xjentifika, l-inġinerija u l-matematika, il-ħiliet diġitali u ta' innovazzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Il-miżuri għat-titjib tas-servizzi soċjali u tas-saħħa tal-komunità u dawk ibbażati fid-dar, bħal soluzzjonijiet innovattivi ta' akkomodazzjoni u tagħmir, għandhom l-għan li jippromwovu l-għajxien indipendenti tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni anzjani. L-RRP jispjega kif il-komponenti varji huma mistennija li jikkontribwixxu, direttament jew indirettament, biex jindirizzaw l-inugwaljanza u jrawmu opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari għan-nisa u ż-żgħażagħ. Madankollu, il-kontribut mistenni għal gruppi speċifiċi, bħal persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew razzjali, għadu mhux ċar fl-RRP. Monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni konkreta tal-RRP hija essenzjali, b'mod partikolari fejn il-kontribuzzjoni antiċipata tkun indiretta biss, sabiex jiġi żgurat li dan iwassal ir-riżultati mistennija u jifforma parti minn strateġija komprensiva, f'sinerġiji mal-politiki nazzjonali dwar l-ugwaljanza bħall-Istrateġija Nazzjonali għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2021-2026.

Awtovalutazzjoni tas-sigurtà

- (51) F'konformità mal-Artikolu 18(4)(g) tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP jinkludi awtovalutazzjoni tas-sigurtà għall-investimenti relatati mas-servizzi u l-infrastrutturi tal-cloud għall-amministrazzjoni pubblika. Fir-rigward tal-miżuri ta' konnettività, b'mod partikolari l-iskjerament tal-5G, l-Italja kkonfermat li se twettaq valutazzjoni bħal din fi stadju aktar tard, filwaqt li tqis ix-xenarji ta' konnettività li jirriżultaw mill-eżerċizzji ta' mmappjar u ta' konsultazzjoni pubblika. F'dan ir-rigward, l-Italja ddikjarat li se tidentifika u tanalizza xenarji ta' riskju u timplimenta miżuri biex tevita jew ittaffi kwalunkwe riskju potenzjali għas-sigurtà.

Proġetti transfruntiera u li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed

- (52) L-RRP jinkludi investimenti tul il-kuritur tal-Transport Trans-Ewropew (TEN-T) u l-konnessjoni ferrovjarja transfruntiera bejn l-Italja u l-Awstrija permezz tat-tlestija tal-bypass Bolzano fil-linja Verona-Brennero, li hija ċentru importanti għat-traffiku tal-passiġġieri u l-merkanzija bejn l-Italja u l-Ewropa tat-Tramuntana u tal-Lvant. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' mill-inqas 3 400 km tas-Sistema Ewropea ta' Ġestjoni tal-Transport Ferrovjarju għandu jippermetti l-interoperabbiltà mas-sistemi ferrovjarji ta' Stati Membri oħra. L-RRP jinkludi miżuri għall-appoġġ tal-użu ta' teknoloġiji bbażati fuq fibra ottika u l-5G tul il-kuriduri Ewropej tal-5G. L-RRP jipprevedi wkoll finanzjament għall-parteċipazzjoni ta' ditti Taljani fi proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni approvati u potenzjali u fi sħubijiet ta' riċerka u żvilupp, kif ukoll it-tisħiħ tan-netwerk ta' ċentri Ewropej tal-innovazzjoni diġitali biex jaqsmu l-għarfien u l-esperjenza ma' Stati Membri oħra.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (53) L-RRP għadda minn proċess ta' konsultazzjoni u interazzjoni ma' varjetà ta' partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet reġjonali u lokali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali u akkademiċi u esperti tal-politika. Wara l-opinjoni tal-Parlament Taljan dwar il-linji gwida strateġiċi proposti mill-gvern għall-abbozzar tal-RRP, ġiet approvata l-ewwel verżjoni mill-Kunsill tal-Ministri fit-12 ta' Jannar 2021. Wara l-bidla fil-gvern f'Frar 2021, kompli l-eżami tal-abbozz tal-RRP u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Il-Kamra tad-Deputati u s-Senat organizzaw sensiela ta' seduti ta' smigħ li jinvolve varjetà ta' partijiet interessati bħall-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi istituzzjonali u approvaw rapporti *ad hoc* dwarhom, flimkien ma' riżoluzzjonijiet li jmexxu l-finalizzazzjoni tal-RRP fuq din il-bażi. Barra minn hekk, il-Gvern innifsu organizza djalogu mal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-qafas tal-Konferenza bejn l-Istat u r-Reġjuni. B'riżultat ta' dan il-proċess, l-RRP rivedut ġie ppreżentat lill-Parlament, li approva t-trażmissjoni tiegħu lill-Kummissjoni.
- (54) Fir-rigward tal-proċess ta' konsultazzjoni fil-fażi ta' implimentazzjoni, l-RRP Taljan jipprevedi t-tkomplija tad-djalogi regolari mad-diversi amministrazzjonijiet involuti fl-implimentazzjoni tal-RRP u mal-partijiet ikkonċernati. Għal dan il-għan, il-mudell ta' governanza jipprevedi l-ħolqien ta' korp konsultattiv bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP.

Valutazzjoni pożittiva

- (55) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP Taljan bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u ta' self li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (56) L-ispiża totali stmata tal-RRP tal-Italja hija ta' EUR 191 499 177 889. Billi l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 u, barra minn hekk, billi l-ammont tal-ispejjeż totali stmata tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Italja, il-kontribuzzjoni finanzjarja allokata għall-RRP tal-Italja jenħtieġ li tkun daqs l-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Italja.

- (57) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Italja huwa mistenni li jiġi aġġornat sat-30 ta' Ġunju 2022. Bħala tali, f'konformità mal-Artikolu 23(1) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkun hemm ammont disponibbli għall-Italja li ma jeċċedix il-kontribuzzjoni finanzjarja massima msemmija fl-Artikolu 11(1), punt (a), ta' dak ir-Regolament għal impenn legali sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk meħtieġ wara l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, jenħtieġ li l-Kunsill, bi proposta mill-Kummissjoni, jemenda din id-Deċiżjoni biex jinkludi l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, mingħajr dewmien żejjed.
- (58) Barra minn hekk, sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, l-Italja talbet għal appoġġ fil-forma ta' self. Il-volum massimu tas-self mitlub mill-Italja huwa daqs 6,8 % tad-dħul nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għall-Italja u l-appoġġ mitlub fil-forma ta' self.
- (59) L-appoġġ li għandu jingħata għandu jkun iffinanzjat mis-self mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053¹. L-appoġġ jenħtieġ li jitħallas f'pagamenti parzjali ladarba l-Italja tkun issodisfat b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (60) L-Italja talbet għal prefinanzjament ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u ta' 13 % tas-self. Dan l-ammont għandu jkun disponibbli għall-Italja soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità mal-, ftehim previst fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 (il-"ftehim ta' finanzjament") u l-ftehim ta' self previst fl-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament (il-"ftehim ta' self").
- (61) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni taħt kwalunkwe programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità jew għal proċeduri marbuta ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP tal-Italja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2
Kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Italja kontribuzzjoni finanzjarja, fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura, li jammonta għal EUR 68 880 513 747¹. Ammont ta' EUR 47 925 096 762 għandu jkun disponibbli biex jiġi legalment impenjat sal-31 ta' Diċembru 2022. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Italja li hija ugwali għal EUR 68 880 513 747 jew aktar, ammont ieħor ta' EUR 20 955 416 985 għandu jkun disponibbli biex ikun legalment impenjat mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Jekk l-aġġornament previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 jirriżulta f'kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-Italja li tkun anqas minn EUR 68 880 513 747, id-differenza bejn il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata u l-ammont ta' EUR 47 925 096 762 għandha tkun disponibbli biex tiġi legalment impenjata f'konformità mal-proċedura li tinsab fl-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) 2021/241 mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Italja tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għall-Italja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 8 954 466 787 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas b'mod proporzjonat mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' finanzjament għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Italja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRPSabiex wieħed ikun eliġibbli għal pagament, l-Italja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-impenji legali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 3
Appoġġ fil-forma ta' self

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Italja self li jammonta għal massimu ta' EUR 122 601 810 400.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Italja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċizzjoni. Ammont ta' EUR 15 938 235 352 għandu jsir disponibbli bħala pagament ta' prefinanzjament, ugwali għal 13 % tas-self. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
3. Il-prefinanzjament għandu jkun rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ ta', u f'konformità mal-ftehim ta' self. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas b'mod proporzjonat mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.
4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-ftehim ta' self għandu jkun kondizzjonali għall-finanzjament disponibbli u deċizzjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Italja tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP. Biex wieħed ikun eliġibbli għall-pagament, l-Italja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti mis-self sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026.

Artikolu 4
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill
Il-President
